# QORTI TAL-MAGISTRATI (GHAWDEX)
# SUPERJURI

## MAGISTRAT DOTTOR MICHAEL MALLIA LL.D.

**Seduta ta' nhar il-Hamis 3 ta' Frar, 2000**

Citazzjoni Numru 238/98G1(MM)

L-Avukat Dr Anton Refalo fil-kwalita' tieghu ta' prokuratur specjali ta' George u Maria konjugi Catania u dana bis-sahha ta' l-annessa prokura markata Dokument "A"

-vs-

Francis Xavier u Maria Dolores konjugi Micallef

Il-Qorti;

Rat ic-citazzjoni li permezz taghha l-attur nomine ppremetta illi huwa kreditur ta' l-istess konvenuti fis-somma ta' sitt elef u sitt liri u hamsa u sebghin centezmu (Lm6,006.75c0m), bilanc lilu nomine dovut bhala prezz ta' diversi konsenji lill-konvenuti ta' "broilers" tas-simna, u dana kif jidher mill-anness Dokument "B" u kif jigi pruvat ukoll waqt is-smiegh ta' l-istess kawza;

Premess illi l-konvenuti, nonostante d-diversi promessi taghhom li sejrin ihallsu il-bilanc ta'

sitt elef u sitt liri u hamsa u sebghin centezmi (Lm6,006.75c0m) minnhom dovut, dawna baqghu inadempjenti;

Talab lill-konvenuti tghid ghaliex m'ghandhiex din l-Onorabbli Qorti:

1. tikkundannahom li jhallsu lill-attur nomine l-bilanc minnhom dovut ta' sitt elef u sitt liri u hamsa u sebghin centezmi (Lm6,006.75c0m), bilanc minnhom dovut, kif inghad hawn fuq.

Bl-ispejjez, komprizi dawk ta' zewg mandati kawtelatorji - wiehed ta' qbid (Nru. 1014/98) u l-iehor ta' sekwestru (Nru. 1013/98) u bl-ingunzjoni ta' l-istess konvenuti ghas-subizzjoni li ghaliha minn issa huma imharka.

Bl-imghaxijiet ukoll skond il-ligi mid-data tal-konsenja sal-hlas effettiv.

Rat in-nota ta' l-eccezzjonijiet tal-konvenuti konjugi Micallef fejn ecceppew:

1. Illi in kwantu din il-kawza hija diretta kontra Maria Dolores Micallef, mart l-esponent, ghandha tkun liberata mill-osservanza tal-gudizzju stante n-nuqqas ta' interess taghhom f'din il-kawza peress li meta l-attur nomine intavola l-kawza fil-11 ta' Novembru 1998, l-komunjoni ta' l-akkwist gia kienet xolta ai termini tal-kuntratt maghmul fl-atti tan-Nutar Pubbliku Dottor Ino Mario Grech u datat sbatax (17) ta' Marzu ta' l-elf disa' mija u tmienja u disghin (1998) u liema kuntratt kellu l-awtorizazzjoni tal-Qorti tal-Magistrati (Ghawdex) Gurisdizzjoni Volontarja permezz ta' digriet datat hdax (11) ta'

Marzu ta' l-elf disa' mija u tmienja u disghin (1998) hawn annessi u mmarkati bhala Dok FM1 u Dok FM2.

2. Illi kull transazzjoni li setghet sehhet bejn George u Maria konjugi Catania kif rapprezentati mill-attur nomine saret dejjem bejnhom u l-esponent wahidhom kif jigi ippruvat waqt it-trattazzjoni tal-kawza.

3. Illi l-esponent ma hux jikkontesta d-debitu dovut minnu lill-konjugi Catania;

4. Illi l-esponent huwa dispost li jasal ghall-arrangament ma' l-attur nomine sabiex ihallas l-ammont dovut b'pagamenti bimesimali.

5. Illi minghajr pregudizzju ghas-suespost il-konjugi Micallef ghandhom jigu ezentati minn kull spejjez komprizi dawk ta' zewg mandati kawtelatorji - wiehed ta' qbid (Nru 1014/96) u l-iehor ta' sekwestru (Nru 1013/96) stante li ma kienux segwiti b'citazzjoni fit-terminu kif rikjest mill-Kodici ta' Organizazzjoni u Procedura Civili tal-ligijiet ta' Malta u liema mandati gew mwaqqghin b'kontro mandati opportuni u akkordati minn dina l-Onorabbli Qorti nhar it-tnejn (2) ta' Dicembru ta' l-elf disa' mija u tmienja u disghin (1998).

Semghet il-provi;

Rat l-atti kollha tal-kawza.

Rat u approvat il-kapitoli ghas-subizzjoni fil-konfront tal-konvenuti li gew ipprezentati fl-udjenza tas-17 ta' Gunju 1999. L-istess konvenuti naqsu li jattendu ghas-smiegh ta' din il-kawza differita ghal-lum ghas-subizzjoni taghhom.

Il-Qorti ghalhekk tqis il-kapitoli ammessi u tiddeciedi il-kawza billi tilqa' t-talbiet attrici, tiddikjara lill-konvenuti debituri fil-konfront ta' l-attur nomine fl-ammont komplessiv ta' sitt elef u sitt liri Maltin u hamsa u sebghin centezmu (Lm6006.75).

Bl-ispejjez inkluzi dawk ta' zewg mandati kawtelatorji – wiehed ta' qbid (Nru 1014/98) u l-iehor ta' sekwestru (Nru 1013/98) u bl-imghaxijiet legali mid-data tal-konsenja sal-hlas effettiv, kollox kontra l-konvenuti.